L-oriġini tal-Parroċċa Matriċi u Arċipretali ta' San Nikola Tas-Siġġiewi

(Belt Ferdinandu)

Jikteb **Nikola Callus**

Matul dawn il-jiem ta' festa huma bosta dawk, Maltin u turisti, li jżuru l-Knisja Arċipretali tagħna, mibnija bejn is-snin 1676-1693; veru ġawhra arkitettonika fi stil barokk u wieħed mix-xogħlijiet ewlenin sbieħ tal-famuż Lorenzo Gafà.

Din il-knisja imponenti ta' llum għandha ftit iktar minn tliet mitt sena. Il-Matriċi l-qadima, li l-fdalijiet tagħha għandhom jeżistu fi Triq il-knisja l-qadima, aktarx li nbniet iktar minn darba, għax jekk wieħed iqis l-istil korint tagħha, wieħed jista' jgħid li ma kienx ilha mibnija mijiet ta' snin. Fil-waqt, li waħda mit-twieqi tondi tal-ġnub, sa xi żmien ilu kien għad għandha l-grada tal-ġebel, ħaġa li ttik x'tifhem li din il-knisja setgħet inbniet qabel is-seklu ħmistax. Ma nafux jekk din il-knisja l-qadima kinetx l-ewwel knisja parrokkjali tagħna.[1]

Is-Siġġiewi, wieħed mill-eqdem irħula ta' Malta, li jmur lura sa ta' lanqas is-seklu tlettax, minn dejjem kellu bħala Patrun tiegħu lil San Nikola, Isqof ta' Myra, belt fil-Liċja fl-Asja ż-Żgħira tas-seklu erbgħa, illum il-provinċja ta' Antalya fit-Turkija.

Il-Bidu tas-Siġġiewi

Għandna xhieda wisq qadima li tmur lura sa madwar is-sena 1200 Qabel Kristu, li fl-inħawi tas-Siġġiewi kienu jgħixu xi nies. Din ix-xhieda ta' Żmien il-Bronż huma, l-ħajt wiesa', li aktarx kien xi parti minn xi bini fortifikat, li jinsab fil-post magħruf bħala "Il-Wardija ta' San Ġorġ" u l-mogħdijiet imħaffrin fil-wiċċ tal-blat mill-karettuni fl-inħawi ta' Għar il-Kbir, ta' Żuta, San Lawrenz u Ta' Għolja. Kienu wkoll instabu xi oqbra fil-blat ta' żmien il-Feniċi, fl-inħawi bejn Ta' Għolja u Ta' Brija.

Ta' Żmien ir-Rumani jew ta' l-ewlenin sekli tal-Knisja Nisranija għandna l-bini wiesa', mibni minn ġebel kbir f'"Tas-Sittin" mat-triq tal-Fawwara, il-knisja ta' San Ġorġ, imħaffra ġol-blat f'għamla ta' għar f'dawk l-istess inħawi u ċ-ċimiterju Ruman jew Kristjan li kien jinsab lejn l-inħawi ta' Ġebel Ciantar.[2]

Fi żmien il-Konti Rugġieru (in-Normanni) inbniet Santa Marija tal-Knejjes fl-inħawi ta' Ħal Kbir. Din kienet knisja kbira mdawra b'ħafna kappelli żgħar, taħthom kien hemm ċimiterju sabiħ fejn kienu jindifnu l-aqwa nies tal-pajjiż.[3] Il-popolazzjoni tas-Siġġiewi fi Żminijiet tan-Nofs kienet madwar elf u erba' mitt ruħ, imxerrdin fi rħula żgħar bħal Ħal Xluq, Ħal Kdieri, Ħal Kbir, Ħal Niklusi u oħrajn. ĦAL NIKLUSI, ir-raħal tal-qedem il-waħdieni f'pajjiżna li ssemma għal San Nikola. F'din il-lokalità llum magħrufa bħala San Niklaw, kienet inbniet waħda mill-eqdem knejjes ta' San Nikola, li aktarx tmur lura sas-seklu tnax. Il-kittieb Giovanni Faurè jgħid li Ħal Niklusi tfisser "Liberatore di Guaj" u fil-fatt, f'xi pajjiżi

nbnew knejjes ta' San Nikola b'wegħda minn baħħara li b'miraklu nħelsu mill-għarqa waqt xi maltempata qawwija fuq il-baħar.[4]

Għall-ħabta tas-seklu tlettax, in-nies ta' dawn l-irħula bdew jitbiegħdu mill-baħar u jersqu 'l ġewwa fejn illum jinsab is-Siġġiewi, aktarx minħabba li xtaqu jsibu kenn mill-attakki tal-ħallelin tal-baħar li f'dawk iż-żminijiet kienu ta' spiss jaħbtu għall-gżejjer Maltin. Dokument ta' l-1260 li jinsab fil-Vatikan jagħtina x'nifhmu li s-Siġġiewi tant kien kiber u sar importanti li jissemma flimkien mar-Rabat u ż-Żejtun.[5]

Kif il-Kult ta' San Nikola Wasal is-Siġġiewi

Hu fatt storiku li Malta sa mill-eqdem żminijiet, dejjem kellha rabtiet reliġjużi u ċiviċi ma' Sqallija. Tant hu hekk, li xi isqfijiet ta' Malta kienu joqogħdu fi Sqallija u s-slaten tagħha kienu wkoll jiggvernaw lil Malta.

Skond Annetto Caruana, id-devozzjoni lejn il-Qaddisin tal-Lvant: Ġorġ, Nikola u Helena li f'ġieħhom inbnew knejjes hawn Malta, iddaħħlet hawn fi żmien il-Biżantini. Il-Kav. Bonello jsemmi li fis-seklu sebgħa u tmienja, wara l-invażjoni tal-Misilmin fis-Sirja, fl-Eġittu u fiċ-Ċirinajka, f'Malta kien hawn kolonja rifuġjati ta' Nsara tal-Lvant. Dawn ipprattikaw is-servizzi reliġjużi tagħhom bir-rit Biżantin fil-knejjes żgħar l-antiki li kellhomil-bibien fit-tlett iġnub tagħhom.[6]

Qrib is-seklu sitta, il-kult ta' dan il-Qaddis Tawmaturgu wasal f'Ruma minn Kostantinopoli, u minn hawn tferrex ma' l-Italja u Sqallija kollha, sa wasal ukoll f'Malta. Dan seħħ permezz tal-ħidma missjunarja tal-patrijiet ta' lingwa u kultura Biżantina. Iżda kienu l-baħħara u n-Normanni li l-iktar xerrdu d-devozzjoni lejh mal-pajjiżi kollha tad-dinja tas-sekli ħdax u tnax.

L-Insara Maltin sas-seklu sebgħa, minħaba nuqqas ta' mezzi f'idejhom kienu jinqdew b'xi għar imdaqqas biex jużawh bħala knisja. Xhieda ta' din l-eqdem għamla ta' knejjes f'Malta, għandna l-Grotta ta' San Pawl (Rabat); is-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa, għar użat bħala knisja ta' San Ġorġ fil-Fawwara (Siġġiewi) u Għar San Niklaw fil-Mellieħa użat bħala knisja ddedikat lill-protettur tal-baħħara San Nikola.[7]

Din hi l-eqdem vara titulari eżistenti fil-forma oriġinali tagħha fl-irħula ta' pajjiżna. Kienet diġà teżisti fl-1667. Kienu joħorġuha kull sena fil-purċissjoni tal-festa titulari ta' San Nikola, fis-6 ta' Diċembru, kemm mill-Knisja Matriċi l-qadima u kemm mill-Knisja Arċipretali ta' llum sas-sena 1736, meta bdiet tintuża l-vara titulari preżenti ta' l-iskultur Pietro Felici minn Ħal Qormi.

Il-biċċa l-kbira tal-knejjes iddedikati lil San Nikola fil-Puglia, fil-Kalabrija (Italja) u fi Sqallija jafu l-bidu tagħhom lin-Normanni. Fi żmienhom, ir-raħal tas-Siġġiewi diġà kellu knisja ddedikata lil San Nikola, li minnha llum ma baqa' xejn ħlief ħajt ta' stil Normann. Mela, id-devozzjoni lejn San Nikola fis-Siġġiewi ilha teżisti minn qabel is-seklu ħdax, qabel it-Traslazzjoni storika ta' l-iskeletru mirakoluż tal-Qaddis tagħna minn Myra għal Bari bejn April u Mejju 1087.

Skond tradizzjoni, kien il-Konti Ruġġieru stess li ħa ħsieb biex din il-knisja ma titħalliex tiġġarraf; ħaġa li tiġġarraf; ħaġa li tista' tkun meta wieħed iġib quddiem għajnejh kemm id-dinastija Normanna kienet devota ta' San Nikola. Infatti, id-Duka Normann ta' Bari – Italja, Ruġġieru Borsa ippermetta li jiġġarrfu l-kwartieri ġenerali ta' l-ex mexxejja Biżantini, biex flokhom tinbena l-Kripta bil-Qabar mirakoluż tal- Qaddis u l-Bażilika imponenti ta' San Nikola. Il-Prinċep Boemondo bena ospizju għall-pellegrini maġenb l-istess Bażilika. Il-Konti Ruġġieru bena żewġ knejjes iddedikati lil San Nikola Isqof ta' Myra, waħda f'Napli u oħra f'Messina.[8]



Il-parti li fadal mill-iskultura sabiħa ta' l-absidi biż-żewġ kolonni mserrpin li kienu jżejnu l-kwadru titulari fuq l-altar maġġur tal-Knisja l-Qadima ta' San Nikola – Siġġiewi.

Fil-Medju Evu nbnew ħafna knejjes żgħar ta' San Nikola fl-ibliet, fl-irħula u mferrxin 'l hawn u 'l hinn fil-kampanja tal-gżejjer Maltin. Fil-belt kapitali l-qadima, l-Imdina, għadha teżisti l-Knisja ta' San Nikola tal-Griegi. Fuq waħda mill-għoljiet fuq il-bajja ta' l-Għadira kien hemm knisja magħrufa bħala ta' San Nikola tal-Mellieħa.

Kif is-Siġġiewi Sar Parroċċa San Nikola

Fis-seklu tlettax, is-sitwazzjoni mwieghra reliġjuża bdiet tieħu r-ruħ biss, meta l-gżejjer Maltin bdew jinkrew lin-nobbli barranin. Dawn, fil-biċċa l-kbira minnhom kienu Ġewiżi (minn Ġenoa). Fir-reġjun ta' Ġenova, il-knejjes ta' San Nikola tas-seklu disgħa, jixhdulna l-qedem tal-kult tiegħu.[9] Dawn in-nobbli Ġewiżi ġiebu magħhom il-kult Nikolajan inkluż mat-tradizzjonijiet u istituzzjonijiet Insara (Latini u Ewropej). Kien biss meta l-Imperatur Federiku II keċċa lill-Misilmin għal kollox minn Malta (1224) u daħħal ir-riformi, li għamlu mill-ġdid lil Malta Nisranija.

Tul l-ewwel nofs is-seklu tlettax, f'Malta twettqet ħidma kbira missjunarja fost il-poplu Malti, li fi twemminu u drawwietu iktar kien Mislem milli Nisrani.[10] Dan il-proċess fit-tul ta'



L-affreski tal-Knisja Parrokkjali l-qadima tas-Siġġiewi kif kienu jidhru fl-1800.

Kristjanizzazjoni ġdida tal-ġens Malti twettaq minn qassisin u lajċi Nsara, li probabbli nġabu hawn minn Sqallija. Dawn irnexxielhom jikkonvertu għadd kotran ta' Maltin u oħrajn ta' twemmin Mislem għall-Fidi Nisranija, jibnu knejjes u joħolqu organizazzjoni ekklesjastika ġdida għall-Knisja Nisranija f'Malta. Madankollu naqraw li sa nofs dan is-seklu, kważi terz ta' Malta kienet għadha Musulmana. F'dawn l-eqdem żminijiet, Malta Nisranija kienet maqsuma fi tnax-il distrett, magħrufa bħala *cappelle*, b'qassis responsabbli għalihom u bl-obbligu li jamministra s-Sagrament fi knisja mdaqqsa u ċentrali għal grupp ta' villaġġi żgħar. Il-kelma *cappelle* kienet tintuża fl-istess sens li bih illum, aħna nużaw il-kelma "parroċċi". Maż-żmien, dan il-qassis beda jissejjaħ il-Kappillan jew l-Arċipriet tal-parroċċa. Meta eżatt sar dan it-twaqqif ta' parroċċi fl-irħula ma nafux, u aktarx li qatt ma sar twaqqif formali u uffiċjali ta' dawn il-knejjes bħala parroċċi, kif isir normalment fi żmienna.[11]

Minn studju xjentifiku ta' dokumenti medjevali fl-arkivji tal-Vatikan, tal-Katidral u f'dawk notarili jidher ċar illi snin qabel l-1436 ("rollo") ta' l-Isqof de Mello, uħud mill-ewwel għaxar parroċċi kienu diġà jeżistu, fosthom dik tas-Siġġiewi. Meta l-istoriċi Maltin minn żmien Gian F. Abela sa ftit ta' żmien ilu kienu jorbtu t-twaqqif ta' dawn il-parroċċi mar-"rollo" ta' de Mello, dejjem kienu jgħidulna li l-isqof li jwaqqaf il-parroċċi jrid ikun joqgħod hawn Malta. Issa, l-istorja tgħidilna li l-ewwel żewġ Isqfijiet ta' Malta li kienu joqogħdu u mietu hawn, kienu l-Franġiskani Fra Arrigo di Cefalù (1334-1341) u Fra Nikola Boneto (1342-1360). Għalhekk, kull wieħed minn dawn iż-żewġ Isqfijiet sata' waqqaf il-parroċċa ta' San Nikola – Siġġiewi, żgur qabel 1348. Għax f'din is-sena, il-Pesta s-Sewda kinset l-Ewropa u f'Malta kien hemm postijiet fejn qerdet lil kulħadd, kif ġara lil Ħal Kdieri. Il-Prof. Wettinger inostni li l-parroċċa ma setgħux twaqqfu fl-1436, għax wara l-invażjoni Tuneżina tas-sena 1429, wieħed ma setax jimmaġina dan, hekk ukoll wara 1348 wieħed lanqas jista' jimmaġina twaqqif ta' parroċċi avolja l-Isqof kien jgħix f'Malta.

Fil-Vista Pastorali ta' Mons. Dusina (1575) insibu li mis-46 knisja li kien hawn fl-inħawi tar-raħal, 7 kienu ddedikati lil San Nikola: dan jurina x'devozzjoni kbira lejh kellu l-poplu tas-Siġġiewi.

Għaliex u Kif Kienet Profanata l-Knisja l-Qadima

L-ewwel knisja li serviet bħala parroċċa dipendenti mill-Katidral ta' l-Imdina sa minn xi snin qabel is-sena 1348, ma nafux eżatt il-qedem tagħha. X'aktarx li nbniet iktar minn darba fl-istess post tal-knisja li kien irrestawra l-Konti Ruġġieru fis-seklu ħdax.

Fis-seklu ħmistax, din il-knisjal-qadima kienet restawrata fi stil Sikolu-Normann, b'faċċata stil Korint u b'kolonni mserrpin u dritti. Kellha artal maġġur u sitt artali fil-ġnub. Kienet mibnija fil-forma ta' T u l-bieb prinċipali tagħha kien iħares lejn in-Nofsinhar. In-naħa tal-lemin tal-knisja li kienet tħares lejn il-Punent, kienet tmiss mad-dar tal-kappillan u quddiemha kien hemm ġnien żgħira.

Fuq in-naħa tax-xellug kien hemm ċimiterju, li skond tradizzjoni antika, fih kienu ndifnu dawk li mietu bil-pesta ta' l-1593. Sa l-aħħar snin tas-seklu l-ieħor, kienet għadha tidher il-pittura fuq il-ħajt tan-navata l-kbira, imma il-maltemp ħassarha għal kollox. Il-pittur G. Hyzler kien ħa d-disinji tagħhom u ġabhom fir-rivista 'Repertorio di Conoscenze Utili'. Dawn il-pitturi kienu affreski u jaqblu ħafna ma' l-istil tal-pittur Pietri Vanucci minn Pergia, li kien l-imgħallem ta' Raffaello. Dawn għadhom xebh kbir mal-affreski li jinsabu fil-knejjes u l-kripti qodma ta' Malta, pereżempju, il-Millieri u Bir Miftuħ.

Fit-12 ta' Awissu 1672, wara l-laqgħa tal-poplu tas-Siġġiewi mal-Kappillan Dun Dumink Farrugia u l-kleru, l-Isqof Coccopalmieri ħareġ il-permess biex tinbena knisja ġdida u akbar, fl-għola post f'nofs ir-raħal.

Fid-19 ta' Mejju 1686, l-Isqof Coccopalmieri għamel Vista Pastorali fis-Siġġiewi. Sa dak iż-żmien, il-bini tal-knisja l-ġdida (l-Arċipretali tal-lum) kien mexa 'l quddiem ħafna. Tant li l-Vigarju Ġenerali kien ittrasport s-Sagrament mill-knisja l-qadima għall-knisja l-ġdida fl-1683. Kien f'din il-Vista Pastorali li l-knisja l-qadima kienet ipprofanata u l-Isqof ordna li tinħatt. Kienet ħasra, għax b'hekk intilfet waħda mill-eqdem knejjes ta' dawn il-gżejjer.

Fl-1686, il-knisja l-qadima mhux biss kienet żgħira għall-popolazzjoni tar-raħal – madwar 1,600 ruħ – iżda wkoll dejqa, mudlama u saħansitra t-travi ta' l-injam tas-saqaf bdew iċedu. Barra minn hekk, tlieta mill-ħames bibien li kellha kienu magħluqin bil-ġebel; ma kinitx miżmuma tajjeb; tant li x'uħud mill-oqbra kienu miftuħa u l-art kważi kollha mħarbta.



L-arma ta' San Nikola, kif ippubblikata kemm-il darba fil-BOLLETTINO DI SAN NICOLA, li jinqara minn mijiet ta' eluf ta' devoti tal-Qaddis tagħna fil-pajjiżi tad-dinja kollha.

Ordnijiet ta' l-Isqof

Minħabba f'hekk, l-Isqof Coccopalmieri ra li ma kinitx tajba biex fiha jsir is-Sagrifiċċju tal-Quddies. Għalhekk, l-Isqof ordna li ż-żewġt inkwadri li kien baqa', dak ta' l-altar tal-Madonna tal-Grazzja u dak ta' San Ġwann Battista, jittieħdu fil-knisja l-ġdida.

Meta l-Isqof ordna li l-knisja titwaqqa', hu qagħad attent li l-erbat idjar li jmissu magħha, ma jġarrbux ħsara. B'hekk, il-ħitan tal-knisja tal-ġardina tal-kappillan u tan-naħa tad-djar ma kellhomx jaqgħu, anzi ordna li jiġu mkaħħlin sew. Il-ħajt li kien jifred it-triq miċ-ċimiterju ta' mal-knisja wkoll kellu jitkaħħal.

L-Isqof ordna li ssirlu bieba bil-muftieħ. Fl-aħħarnett, kellu jitwaqqaf salib kbir f'nofs iċ-ċimiterju, u b'ordni ta' l-Isqof, il-kappillan kellu jbierek dan il-post f'jum il-qaddisin kollha meta jsir it-tberik taċ-ċimiterji.[12]

Żewġ tifkiriet sbieħ u artistiċi tal-knisja parrokkjali l-qadima tas-Siġġiewi għadna nistgħu narawhom: waħda tinsab fil-Mużew tal-Katidral l-Imdina – l-inkwadru tal-Madonna tar-Rużarju, li mad-dawra tiegħu, hemm il-ħmistax-il posta tar-Rużarju. It-tifkira l-oħra tikkonsisti f'żewġ biċċiet pittura, waħda ta' San Nikola u l-oħra ta' San Pawl, li llum jinsabu fl-angoli tal-pilastri l-maġġuri tal-Knisja Arċipretali tas-Siġġiewi. Dawn issemmew l-ewwel darba fil-Vista Pastorali ta' l-Isqof Cagliares – 8 ta' Diċembru 1625. Dawn iż-żewġ pitturi antiki kienu restawrati mill-pittur Lazzru Pisani ta' Ħaż-Żebbuġ bi flus Dun Pawl Laferla mis-Siġġiewi.

L-imħabba fostna s-Siġġiwin lejn San Nikola hi frott tad-devozzjoni ħajja lejn fil-familji tul mijiet ta' snin. Meta nħarsu lejn il-knisja imponenti tagħna f'dawn il-ġranet tal-festa, għandna niftakru kemm batiet il-komunità nisranija tagħna tul kważi 600 sena bħala parroċċa biex bniet, żejnet u mliet dejjem il-Knisja ta' San Nikola, kemm dik il-qadima u kemm dik tal-lum.

Meta naraw dak kollu li għamlu ta' qabilna biex l-imħabba ta' wlied lejn Missierna San Nikola żammewha b'għożża hekk kbira f'qalbhom, aħna nħossu ruħna kburin li writna tradizzjoni sabiħa u qaddisa. Dan għandu jnissel fina dmira li ngħożżu ħafna iktar il-fdalijiet arkitettoniċi u storiċi tal-knisja l-qadima, li hu parti mill-patrimonju nazzjonali tagħna.

META SER NIBDEW NIEĦDU ĦSIEB DAK LI FADAL MINN DAN IL-WIRT TA' MISSIRIJIETNA? NAĦSEB LI TLIFNA BIŻŻEJJED MINNU!

Noti u Referenzi:

1 NIKOLA VASSALLO, D. Litt., "Il-Festa u l-Parroċċa fil-Qalb tas-Siġġiwin", fil-fuljett: 'Il-Festa Tagħna ... 1986' – Każin Banda San Nikola, p. 22.

2 DENIS DE LUCCA, B.A. (Arch.), B.Arch. (Hons.), A. & C.E., "Kif Trawwem u Kiber ir-Raħal Tagħna", fil-fuljett parrokkjali IS-SIĠĠIEWI – Marzu 1980, p. 15.

3 KAN. VINCENZ VELLA, "Il-Ħajja ta' San Nikola ta' Bari.", is-sitt ktieb – 1913, p. 11. Din il-knisja m' għadhiex teżisti fir-raħal tagħna.

4 GIOVANNI FAURÈ, "Storja ta' Malta u Għawdex" – Edituri Andolfo & Magro – Valletta 1913, Vol. I, p. 56, 130.

5 DENIS DE LUCCA, f'IS-SIĠĠIEWI – Marzu 1980, p.15.

6 A. A. CARUANA, "Monografia Critica della Cattedrale Apostolica di Malta", p.6.
KAV. VINC. BONELLO, "La Chies Siculo-Bizantina di S. Ciro", p.6-11.

7 F'Cava d'Ispica: "Il-belt tal-għerien" qrib Modica fi Sqallija hemm ukoll ħafna għerien-knejjes, fosthom waħda ddedikata lil San Nikola, mimlijin pittura fuq il-blat fi stil Bizantin.

8 DENIS DE LUCCA, f'Is-Siġġiewi – Marzu 1980 p.15.

9 NICOLO SCHIAPPACASSE, "CULTO PRESTATO dai GENOVESI a SAN NIKOLA di BARI" – 1898.

10 Tul il-ħakma Għarbija f'Malta bejn is-snin 870 u 1224, medda ta' iktar minn 300 sena, il-Maltin kienu fil-maġġoranza Musulmani. Il-persekuzzjoni qalila tal-Insara mill-Mislem, ġabet fix-xejn il-kult u t-twemmin Nisrani f'Malta li kien laħaq trawwem u kiber f'pajjiżna mill-miġja ta' San Pawl sal-miġja ta' l-Għarab f'Malta.

11 DUN JOE ABELA, B.A.(Hons.), Lic.D., H.E.L., "Il-Parroċċa taż-Żejtun fis-Seklu XV", fil-Pronostiku Malti – 1990, p.139-151.

12 Dan it-tagħrif meħud minn artiklu ffirmat C.V.: "Għaliex u Kif Ġiet Profanata l-Knisja l-Qadima", – fuljett tal-Festa ta' San NIkola – 7-14 ta' Ġunju 1970, maħruġ mill-Uffiċju Parrokkjali – Siġġiewi.